KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**7/16**

**Is-sittax (16) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar, 2016 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Dott Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 14 li saret 24 ta' Novembru 2015
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4. Approvazzjoni
   i. Skeda ta' pagamenti
   ii. Purchase Orders
   iii. Works Orders
   iv. Petty Cash
5. **Ordnijiet tal-ġurnata**
   a) Budget Annwali 2016
   b) Performance Appraisal (Acting Executive Secretary & Staff )
6. Kommunikazzjoni mis-Sindku
7. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fit-7.45 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 14 li saret 24 ta' Novembru 2015**

Il-minuti tal-erbatax (14) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 u tal-ħmistax li saret nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2015 ġew approvati b'mod unanimu.

**Sospensjoni tar-regolamenti**

**a) Budget Annwali 2016**

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal Estimi Annwali 2016 u Pjan ta Ħidma 2016-2018

Il-membri qablu unanimament mar-rapport ippreżentat.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

**Minuta 3.2** rigward il-katnazzi tal-entratura tat-Targa Battery u tad-ditch il-Kunsill ġie nfurmat li l-Mosta Scout Group sabu l-katnazzi sgassati u ħafna ħsarat. Il-Kunsill qabel li l-handyman tal-Kunsill għandu jiċċekkja qabel u wara li jiġi intużat.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-Kunsilliera Angele Rapa għandha tħejji Memorandum of Understanding mal-Mosta Scout Group biex ikun preżentat fil-laqgħa li jmiss biex il-Kunsill ikollu deċiżjoni u tkun rifjutata kull applikazzjoni.

**Minuta 3.4 Memorandum of Understanding Mosta Health Centre**

Is-Sindku talab sabiex ninfurmaw lill-Avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk il-Kunsill ikunx f'pożizzjoni li jipproċedi. Is-Sindku nforma lill-membri li dan il-Memorandum of Understanding ser jittella' fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sindku ressaq ukoll il-proposta li jibdew it-tħejjijiet sabiex l-Inġinier iressaq is-sejħa għall-offerti kif ukoll il-perit jibda it-tħejjijiet għal-applikazzjoni tal-Mepa għal proġett tal-lift.

Il-membri qablu unanimament.

**Item 4 d) Cleaning & Maintenance of Parks**

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-kuntrattur il-ġdid tal-ħarsien tal-ġonna ġie fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2016.

F'dan ir-rigward is-Sindku qal li talab estensjoni f' Diċembru lill-ELC tal-kuntratt li kien hawn sabiex jagħlaq is-sena hu.

F'dan ir-rigward ġie innotat lix-xogħol mitlub u rikjest ma ġiex onorat mill-kumpanija Environment Landscape Consortium . B'dispjaċir il-Kunsill innota li din il-ħidma fix-xahar ta' Diċembru kienet ineżistenti filwaqt li rrimarka li japprezza l-ħidma li wettqu fl-aħħar snin iżda wara din disapprovazzjoni fuq xogħol li sar fl-aħħar xahar fejn ma tlaħaqx l-obbligi li kellhom isiru. Għaldaqstant is-Sindku ippropona li fix-xahar ta Diċembru ma jkunx imħallas.

Il-Kunsillier Alex Muscat issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**Item 5 b) Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd tal-appoġġ u l-għajnuna lill-Kunsilliera l-għaqdiet u residenti li taw is-sehem tagħhom f'dawn l-attivitajiet. Is-Sindku pubblikament irringrazzja lill-Onorevoli Stefan Buontempo għal apprezzament li ta fondi lill-Kunsill Lokali Mosta sabiex dawn l-attivitajiet saru reali u talab li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jibgħat ittra ta apprezzament lis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo.

Il-Kunsillier Ivan Bartolo flimkien ma Dr. Angele Rapa nfurmaw lis-Segretarju sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu lebsin xieraq waqt l-attivitajiet soċjali organizzati mill-istess Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jieħu fuqu responsabbilita li jibda jinforma lill-ħaddiema tal-Kunsill bil-programm tal-attivitajiet kull xahar.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri kollha sabiex ma jerġax isir żball li sar sabiex ma jkunx hemm nuqqasijiet ta' kommunikazzjoni tal-attivitajiet bejn il-kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

Minħabba l-fatt li ħafna drabi l-ħaddiema mhux qed ikunu nfurmati fid-dettal b'dak li jkun ser issir u għaldaqstant mhux qed iwasslu l-messaġġ mistħoqq bejn ir-residenti minħabba nuqqas ta' kommunikazzjoni.

**Ingaġġ ta Skrivana Part-Time Clerk**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-intervisti ma dawk li kienu eliġġibbli u applikant għal part time clerk ta 30 siegħa fil-Kunsill Lokali ġew skrutinjati mill-bord li kien iffurmat mill-Viċi Sindku Ivan Bartolo, mill-Kunsillier Alex Muscat u l-Kunsillier Dr Karl Tanti u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv nniffsu.

Wara l-intervista ġie magħruf li

L-ewwel post Joanna Chetcuti,
Tieni post Daniela Portelli
Tielet post Alberta Debattista
Raba Post Veronica Falzon
Ħames Post Annabelle Lapira
Sitt Post Helen Cassar
Seba post Alessandra Haber
Tmien Post Richard Spiteri
Disa Post Matthew John Cutajar

Anness 1 issib il-listi ta kif ġew ir-riżultati.

**4. Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**5 Ordnijiet tal-ġurnata**

**b) Performance Appraisal Report (Acting Executive Secretary & Staff)**

Is-Sindku ippreżenta il-bonus appraisal tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sinjura Nadia Micallef Camilleri għandha tingħata l-ammont ta 6%

Is-Sur Christopher Camilleri għandu jingħata l-ammont ta 6%

Is-Sinjura Lorraine Zammit Tabone għandha tingħata l-ammont ta 6%

Is-Sinjorina Rita Galea għandha tingħata l-ammont ta 6%

Is-Sinjura Candice Coppola għandha tingħata l-ammont ta' 6%

Is-Sinjorina Liliana Borg għandha tingħata l-ammont ta' 6%

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra peress li ser kien jiġi diskuss l-performance appraisal tiegħu.

Is-Sindku ppreżenta il-Bonus apprasial tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2015. Is-Sindku ppropona li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud għandu jingħata 10% filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv reġa ħa postu ġewwa l-kamra.

## 6. Kommunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Is-Sindku preżenta email lill-Kunsill li rċieva mingħand Dr George Cassar li qed jitkellem għan-nom tar-residenti ta Santa Margerita fuq Notifikazzjoni ta Pjanta Ġodda tal-PA 02328/15 .

Il-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir mingħand il-perit tal-Kunsill u mingħand l-avukat tal-Kunsill. Wara li l-Kunsill ikun ħa l-parir mingħandhom ikun jista` jerġa itellgħa` dan id-dokumenti għal-laqgħa tal-Kunsill.

6.2 Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Perit Ruben Vassallo rigward Reserved Parking bay – Casa Apap Bologna .

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni fuq din il-materja u talab li din għandha tintbagħat lil Transport Malta.

6.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Sinjura Margareth Zammit tal-Works Infrastructure Department rigward id-deċiżjoni fuq il-funtani ta ħdejn il-Knisja . Huma qalu hekk:

- Li jitħalla il-kuntratt preżenti għall-manutenzjoni tal-funtani sakemm jiġi terminu tiegħu nofs Awwissu 2016. Ġie deċiż hekk minħabba li l-kuntratt preżenti li għandu l-gvern jagħlaq f'Awwissu li ġej.
- Huma qallu wkoll li ser titbiddel PLC sabiex iż-żewġ funatani jerġgħu jiġu lura għas-servizz.
- Fl-aħħar tal-kuntratt , ser javżawna kif ser ikunu qegħdin inħaddmu l-operat tal-funtani b'mod mekkaniku sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu l-manutenzjoni tagħhom.

Il-membri tal-Kunsill qablu ma din id-deċiżjoni.

6.4 Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħad is-Sinjura Borg Marie Jeanne mid-Dipartment tal-Gvern Lokali rigwarad Wifi Access points.

Id-Dipartment tal-gvern Lokali qegħdin joffru żewġ access points oħra għal-kull Kunsill Lokali. Dan is-servizz ser ikun imħallas mill-Gvern Ċentrali u mill-Awtorita ta Malta dwar il-Kommunikazzjoni u ser jiġi provdut b'xejn lill kull Kunsill Lokali.

Il-kunsill jixtieq japplika għal dawn iż-żoni.

- Ġnien tal-Blata l-Għolja
- Ta Mlit,
- Football Ground
- Librerija Reġjonali
- Bidnija
- Fil-Pjazza Rotunda jiżdied il-Wifi
- Żokrija

6.5 Is-Sindku nforma lill-membri li saret laqgħa dwar ilqugħ mal-Mosta Bridge minħabba inċidenti fatali li qed isiru. F'dan ir-rigward is-Sindku talab li l-Kunsillier Alex Muscat sabiex jinforma lill-membri dwar il-laqgħa li kellu mal-uffiċċjal tal-Public Works.

Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li din il-laqgħa kienet waħda pożittiva fejn id-Dipartiment tal-Public Works innotaw il-periklu li hemm u għaldaqstant huma qegħdin jagħmlu pjanta ta' kif ser ikun isir xogħol.

Waqt din il-laqgħa il-Kunsillier Alex Muscat talab lil Public Works sabiex jieħu in konsiderazzjoni li jitħala aċċess b'mezz ta bibien sabiex l-attivitajiet li jsiru bħal abseiling ikunu xorta jistgħu jibqgħu għaddejjin. Huwa qal li din il-laqgħa li saret fl-aħħar ta' Diċembru u ser jagħti ftit ċans minħabba li kien hemm il-festi tal-Milied sabiex ikun jista jara fejn wasal il-proċess. Huwa kompla billi qal lill-membri li hu ma rċieva l-ebda notifika fuq min ser jiffinanzja dan il-proġett.

Fid-dawl ta dan kollu l-Kunsillier Keith Cassar ressaq proposta sabiex waqt li jkun qed isir dan ix-xogħol isir xi dawl biex area tkun imdawwla. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament. Il-Kunsill Keith Cassar u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandhom iressqu quddiem il-Kunsill stimi għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku wera ittra li kien irċieva mingħand l-Ispettut Nicholas Vella u ikkwota hekk:

*The undersigned wishes to further stress the point, which was raised before that protection fences need to be installed at both Mosta Bridges. This statement is being gain made for obvious and unfortunate events.*

6.6 Applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi ta CPPS . Is-Sindku ressaq il-proposta sabiex il-Kunsill ikun jista japplika għal fondi ta CPPS li huma amministrati mill-Mepa . Dawn il-fondi jammontaw għal 433,000 Ewro . Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u ġiet ssekondata mill-Kunsillier Alex Muscat. Is-sindku ippropona li kif tinġabar l-informazzjoni meħtieġa rigward l-istimi l-Kunsill ikun jista iressaq din l-applikazzjoni.

6.7 Il-bandli ta Mlit u l-bandli taż-Żokrija. Kienu diskussi il-proġett tal-bandli fejn is-Sindku ressaq il-proposta li dawn il-bandli għandhom isiru mill-fondi UIF. Is-Sindku resssaq din il-proposta li għandhom jibdew it-tħejjijiet biex jitressqu is-sejħiet differenti. Dan il-proġett qed jiġi propost li jitħallas mill-UIF Funds. Il-kunsill qabel li jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti differenti waħda għal playing equipment u l-oħra għar-rubber flooring. Il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Angele Rapa.

6.8 Culverts . Il-Kunsill iddiskuta iż-żewġ talbiet li tressqu seperatament lill-Kunsill mis-Sidien ta Villa Gollcher ta Triq Salvu Dimech Villa Grech Mifsud ta Sqaq Grech Mifsud fejn rispettivament fil-Kunsil Lokali preċedenti u ġustifikament il-Kunsill huwa obbligat li jilqa talab li saret u jwettaq ix-xogħol mitlub li jsiru culverts sabiex ikun jista jiġi iffacilitat l-ilma tax-xita fil-bjar taż-żewġ residenzi.

B'referenza lejn l-istess diskussjoni is-Sindku talab li jibdew it-tħejjijiet ħalli jinġabru l-istimi sabiex isir l-applikazzjoni għal fondi meħtieġa mill-UIF Funds għal bini ta culverts oħra li huma meħtieġa li jsiru . Il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Karl Tanti.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016.

Laqgħa spiċċat fl-10.40 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 4/02/2016